# RAPPORT TA’ TMIEM IS-SENA 2021

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali

Alison Bezzina (MA Lond)

DIĊEMBRU 2021

“If you’re going through hell, keep going” – Winston Churchill

“Jekk tkun għaddej mill-infern, ibqa’ miexi”

L-ewwel sena tiegħi bħala Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali kienet waħda b’ħafna sfidi, ħafna mumenti ta’ sodisfazzjon, iżda wkoll b’ħafna aktar mumenti ta’ qsim ta’ qalb milli qatt stajt nimmaġina.

Fir-rwol preċedenti tiegħi bħala attivista u kelliema għall-annimali, kont nisma’ u nikteb dwar stejjer relatati mal-annimali kull ġimgħa, u l-krudeltà li kont naqsam mal-pubbliku kultant kienet devastanti u ħafna drabi ma titwemminx.

Madankollu, bħala Kummissarju, il-frekwenza ta’ dawn ir-rapporti triplikat, il-gravità ta’ uħud mis-sitwazzjonijiet ta’ kultant kienet tal-waħx, li l-impotenza li kont inħoss, anke bit-titlu u l-awtorità ta’ Kummissarju taħt ismi,  ħafna drabi kienet ta’ qtigħ il-qalb.

It-tentazzjoni li nirriżenja kienet reali ħafna, fil-fatt kienet xi ħaġa li tgħaddili minn moħħi kuljum, imma mbagħad kont nesperjenza xi rebħa żgħira, il-ħbieb kienu joffru kelma ta’ inkoraġġiment, kien jirnexxielna nsalvaw il-ħajja ta’ xi annimal, kont nara li l-awtoritajiet qed jieħdu azzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħi, u l-aktar sinjifikanti kien meta ninduna li l-opinjoni tan-nies kienet qed tinbidel bil-mod il-mod. Dan kollu għeni biex nirreżisti, għalhekk minflok qtajt qalbi biex nipproteġi lili nnifsi mill-uġigħ u d-dwejjaq ta’ kuljum, Kont immur id-dar u ngħannaq lill-klieb tiegħi aktar bil-qawwa, nixtrilhom aktar ġugarelli u *treats* għalihom, u komplejt niġġieled, komplejt inħabbat fuq il-bibien, u bqajt naħdem.

Kif jirrifletti dan ir-rapport, is-sitwazzjoni attwali tinħtieġ l-istamina ta’ xi ħadd li jiġri fil-maratoni u mhux ta’ min jagħmel l-isprints, għalhekk minkejja li l-ġlieda għal dawk li m’għandhomx vuċi tista’ tkun ta’ qsim il-qalb, huwa importanti li nibqgħu nissieltu!

Jien tassew nemmen li diġà saret bidla kbira, u li bil-mod il-mod nistgħu naslu biex pajjiżna jkun fis-sitwazzjoni fejn kull min iħobb lill-annimali jixtieq li jkun. Imma qatt ma nistgħu nieqfu, irridu nibqgħu mixjin ‘il quddiem, u naqdfu kontra l-kurrent. FLIMKIEN.

## IN-NOTA TAL-FTUĦ TAL-KUMMISSARJU

Alison Bezzina (MA Lond)

Il-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali

DIĊEMBRU 2021

WERREJ


| | |
|---|---|
| TIBDIL FIL-MOD KIF NAĦDMU | 1 |
| ID-DIFFIKULTAJIET EWELNIN | 2 |
| L-AKTAR TAGĦLIMIET KRUĊJALI - NIES & SPAZJU | 3 |
| L-ISTATUS TAL-15-IL RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSARJU | 4-9 |
| INVESTIGAZZJONI DWAR NUMRU TA' KLIEB LI ĠEW EWTANIZZATI MID-DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI | 10-14 |
| INIZJATTIVI U ATTIVITAJIET OĦRA | |
| - PUBBLIKAZZJONIJIET GĦALL-ISKEJJEL | 15 |
| - FULJETT BIEB BIEB – IL-ĦAMES LIBERTAJIET | 16 |
| - WEBSITE AĠĠORNATA | 17 |
| - PJATTAFORMI ĠODDA TAL-MIDJA SOĊJALI | 18 |
| - KONSULTAZZJONIJIET LEĠIŻLATTIVI | 19 |
| - KAMPANJA ESTETENSIVA TA' EDUKAZZJONI BIL-VIDJO | 20 |
| - PR U VIŻIBILITÀ FUQ IL-MIDJA | 20 |
| - SPEZZJONIJIET TAL-ANIMAL WELFARE | 21 |
| - ASSISTENZA PUBBLIKA U INVOLVILEMENT MILL-PUBBLIKU | 21 |
| - RAPPORT DWAR IL-PETTING FARM TA' TA' QALI | 22 |
| - MEMORANDA TA' FTEHIM | 23 |
| - SESSJONIJIET FL-ISKEJJEL | 23 |
| - RAPPORT DWAR BAJJIET LI JILQGĦU L-KLIEB | 24 |
| - INVOLVIMENT LEGALI U TAL-PULIZIJA | 24 |
| - L-EWWEL PREMJU GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI | 25 |
| - ASSISTENZA LID-DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI | 25 |
| - EŻERĊIZZJI TA' MYSTERY SHOPPING GĦALL-KONTROLL TAL-KWALITÀ | 26 |
| - KOOPERAZZJONI | 26 |
| IN-NOTA FINALI TAL-KUMMISSARJU | 27 |

## TIBDIL FIL-MOD LI NAĦDMU

Minħabba li l-ħatra tiegħi bħala Kummissarju għall-ewwel kienet biss għal sena waħda u ma kienx hemm ċertezza li wara din se tiġi estiża, kien importanti għalija li ma neħlux ħin, u li nagħmlu kemm jista' jkun differenza fl-aqsar żmien possibbli.

Għal din ir-raġuni, minflok rapport annwali, għażilt li nippreżenta rapporti regolari kull tliet xhur b'sett ta' 5 rakkomandazzjonijiet f'kull wieħed. It-tliet rapporti trimestrali ppreżentati matul 2021 jinstabu hawn.

Il-ħsieb wara din id-deċiżjoni kien li nipprovdu lill-awtoritajiet biżżejjed żmien sabiex tittieħed azzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati, biex b'hekk l-Uffiċċju tiegħi jkollu l-opportunità biex jieħu azzjoni dwar kull rakkomandazzjoni, u biex jaġixxi u jagħti parir dwar sitwazzjonijiet topiċi hekk kif jinqalgħu.

Minkejja xi ostakli, inkluż pandemija globali, matul is-sena rajt ħafna rieda tajba, ħidma intensiva u inizjattivi pożittivi minn diversi partijiet interessati. Rajt ukoll diversi kanali ta' komunikazzjoni importanti li finalment infetħu għad-diskussjoni, u l-awtoritajiet kienu aktar lesti li jaċċettaw suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet. Waqt li tibdil tekniku, implimentazzjoni u twettiq jibqgħu jseħħu pjuttost bil-mod, ħafna rakkomandazzjonijiet ġew implimentati bis-sħiħ jew parzjalment, u diversi oħrajn huma fil-proċess li jiġu implimentati.

## ID-DIFFIKULTAJIET EWLENIN

Għalkemm inħoss li din l-istrateġija kienet effettiva u effiċjenti, sfortunatament, matul l-ewwel sitt xhur tal-ħatra tiegħi, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali kien qed jopera mingħajr Direttur u mingħajr Assistent Direttur għall-Operat. Ħassejt li din is-sitwazzjoni xekklet b'mod sinifikanti il-pass tal-ħidma tal-Uffiċċju tiegħi għax minkejja l-isforzi kollha tal-Ministeru, ma kien hemm ħadd li kellu l-awtorità fid-Direttorat li stajna naħdmu miegħu fuq bażi ta' kuljum, kif ukoll fuq strateġiji aktar fit-tul.

Fil-fatt, diversi suġġerimenti prattiċi ġew posposti sakemm inħatar Direttur ġdid f'April 2021. Dawn kienu jinkludu suġġerimenti dwar kif jista' jittejjeb is-servizz 1717, ix-xelter tal-qtates eżistenti, kif ukoll is-servizzi ta' infurzar u tal-ambulanza.

In-nuqqas ta' Direttur fid-Direttorat għall-Ħarsien Annimali kkontribwixxa wkoll għall-konfużjoni pubblika eżistenti bejn ir-rwol tiegħi bħala Kummissarju u dak tad-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali. Għalkemm iddedikajt ħafna ħin u spazju fuq il-midja biex nispjega d-differenza bejn iż-żewġ rwoli, ħafna persuni għadhom iħawdu ż-żewġ pożizzjonijiet u l-funzjonijiet tagħhom.

Ħidma li kienet tinħtieġ l-input ta' u kooperazzjoni mad-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji twaqqfet ukoll sa Marzu 2021 minħabba li sa dak iż-żmien, il-pożizzjoni ta' Direttur tad-DVS kienet vakanti.

## L-AKTAR TAGĦLIMIET KRUĊJALI - NIES & SPAZJU

Huwa kruċjali li nħaffu l-proċess ta' reklutaġġ sabiex nissodisfaw il-ħtieġa, li ilha għal ħafna żmien, li nsibu persunal aktar kompetenti fid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali, madankollu dan jibqa' proċess tassew diffiċli u fit-tul.

Għalkemm ċerti pożizzjonijiet ewlenin imtlew u l-proċess ta' reklutaġġ għal pożizzjonijiet oħra nbeda wkoll, għad baqa' ħafna problemi ta' persunal, speċjalment dawk li jinvolvu *carers*, *cleaners* u aġenti ta' *customer care*.

Mingħajr proċess ta' reklutaġġ xieraq u f'waqtu għal dawn il-pożizzjonijiet, l-operati ta' infurzar u ta' salvataġġ tad-Direttorat ma jistgħux jaħdmu kif suppost.

Apparti riżorsi umani kompetenti biex jimlew il-pożizzjonijiet meħtieġa, **hemm ukoll bżonn urġenti ta' SPAZJU**. Għall-aħħar xaharejn tas-sena, id-Direttorat ma setax jaħdem kif suppost minħabba n-nuqqas ta' spazju biex inżommu aktar klieb u qtates. Ix-xelter tad-Direttorat fl-Għammieri, kif ukoll is-santwarji kollha kienu mimlijin daqs bajda, sal-punt li klieb li jinstabu fit-toroq li ma kienux feruti kienu qed jitħallew barra, u spezzjonijiet li mhumiex urġenti ġew imwaqqfa.

**Il-Ministeru assigura lill-Uffiċċju tiegħi li matul l-ewwel kwart tas-sena d-dieħla (2022), kellha tinbena estensjoni sabiex inkunu nistgħu nilqgħu aktar klieb fl-Għammieri.**

L-ISTATUS TAL-15-IL RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSARJU

Matul is-sena 2021, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali ppreżenta 15-il rakkomandazzjoni lill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u l-Ħarsien tal-Annimali. L-ebda waħda mir-rakkomandazzjonijiet ma ġiet irrifjutata, uħud għadhom qed jiġu diskussi, uħud ġew implimentati totalment jew parzjalment, u uħud huma fil-proċess li jiġu implimentati. Dawn kienu r-rakkomandazzjonijiet u l-progress tagħhom s'issa:

(aħmar) Għadhom qed jiġu diskussi

(oranġjo) Fil-proċess ta' implimentazzjoni

(aħdar) Implimentati kompletament jew parzjalment

**Rakkomandazzjoni 1: Jingħata permess lid-Direttur tal-AWD u l-VRD biex temporanjament jipprojbixxu lil xi ħadd milli jżomm aktar annimali wara li tkun saret konfiska. Il-projbizzjoni tapplika sakemm il-qorti tiddeċiedi mod ieħor jew tikkonferma deċiżjoni.**

Waqt li din ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata bħala prinċipju, huwa kemxejn aktar diffiċli li din tiġi implimentata mingħajr ksur tad-dritt li persuna tkun preżunta innoċenti sakemm tkun misjuba ħatja. Bħala alternattiva, ftit żmien ieħor se tiġi ppreżentata quddiem il-Kabinett emenda għall-Kap 439 tal-Att għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, fejn se jkun propost li l-liġi tiġi emendata sabiex fi proċeduri tal-qorti pendenti, il-prosekuzzjoni tista' titlob li l-Maġistrat jipprojbixxi persuna milli żżomm annimali sakemm il-Qorti tiddeċiedi fuq il-każ.

**Rakkomandazzjoni 2: Żieda fid-daqsijiet tal-gaġeġ għall-klieb li huma legalment aċċettabbli mil-liġi.**

Din ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata wkoll fil-prinċipju, imma għadha qed tiġi diskussa. Ir-rakkomandazzjoni titlob li tal-anqas jiġu rdoppjati d-daqsijiet minimi tal-gaġeġ.

**Rakkomandazzjoni 3: Tiġi emendata l-liġi biex il-qorti tingħata possibilità usa' li tipprojbixxi lill-persuni li jinstabu ħatja ta' krudeltà fuq l-annimali milli jerġa' jkollhom aktar annimali.**

Din ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata bis-sħiħ kif imħabba mill-Kummissarju, nhar il-Ġimgħa 26 ta' Marzu 2021 matul konferenza għall-istampa mal-Onor. Refalo u l-Onor. Zammit Lewis.

**Rakkomandazzjoni 4: Il-klieb ma jistgħux jinżammu b'mod permanenti fuq bjut, f'garaxxijiet u fi btieħi.**

Huwa improbabbli li tkun meħtieġa bidla fil-leġiżlazzjoni sabiex tiġi implimentata din ir-rakkomandazzjoni, għalhekk l-ewwel pass sabiex dan iseħħ huwa li l-persuni li jinfurzaw il-liġi jitħarrġu sabiex jinfurzaw il-liġi eżistenti. L-istewards tal-annimali l-ġodda tal-Kunsilli Lokali, kif ukoll l-ispetturi tal-AW, se jibdew jinfurmaw lis-sidien li l-iżolament huwa forma ta' krudeltà, u biex jieħdu azzjoni sabiex dan jitwaqqaf. Il-pass ta' wara f'dan il-proċess ta' infurzar huwa li jinħarġu multi amministrattivi.

**Rakkomandazzjoni 5: Il-frieħ ta' annimali li jinsabu f'żoos ma jibqgħux jintmessu mill-pubbliku.**

Wara eżerċizzju ta' konsultazzjoni pubblika li kien konkluż f'Diċembru 2020, il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u l-Ħarsien tal-Annimali kkummissjona valutazzjoni tal-impatt biex jitkompla l-istudju tal-impatt ta' din ir-rakkomandazzjoni. L-Uffiċċju tiegħu ġie kkuntattjat mill-kumpanija tal-valutazzjoni tal-impatt f'Diċembru 2021. Ir-riżultat għadu pendenti.

**Rakkomandazzjoni 6: *Trainers* tal-Annimali, *Groomers* u *Pet Sitters* – għandhom ikunu rregolati u liċenzjati.**

Din ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata u l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-AW ġie ikkonsultat u ngħata feedback dwar l-abbozz ta' leġiżlazzjoni li qed tiġi proposta biex jiġu rregolati stabbilimenti ta' *groomers, boarding* u *pet sitters*. L-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-AW huwa informat ukoll li r-regolament tal-*groomers* u t-trainers tal-annimali (bħala operaturi) se jkun ġestit u abbozzat mill-Kunsill tal-Veterinarji Kirurgi. F'rapport ta' investigazzjoni separata, il-Kummissarju enfasizzat il-ħtieġa li l-VSC jagħti prijorità lil dan u l-Ministeru ta parir lill-Kunsill dwar dan.

**Rakkomandazzjoni 7: Trattament uman għal għasafar, ħamiem u għasafar selvaġġi mingħajr sid.**

Proġett ġdid mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' Malta se jiżgura li l-ħamiem jingħataw għalf kontraċettiv li ma jirriżultax fil-mewt tagħhom. Barra minn dan, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali issa qed jassisti fis-salvataġġ ta' ħamiem selvaġġ u d-Dipartiment għar-Regolamenti Veterinarji jista' jissejjaħ għall-assistenza f'każ ta' għasafar oħra mingħajr sidien bħal papri u wiżż.

**Rakkomandazzjoni 8: Aktar riżorsi umani għad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali biex ikun jista' jlaħħaq mal-għadd ta' każijiet li dejjem jiżdied.**

Nuqqas ta' persunal u nuqqas ta' persunal kompetenti huma fatturi li jistgħu jinħassu kważi fl-oqsma kollha tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali, u għalkemm l-Uffiċċju tiegħi ma daħalx fil-fond fis-

sitwazzjoni tad-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji, is-sejbiet inizjali juru li l-problema ta’ nuqqas ta’ persunal qed tinħass hemmhekk ukoll. Għalkemm ċertu pożizzjonijiet ġew mimlija, oħrajn għadhom vakanti. Ċerti rwoli jridu jiġu sottokuntrattati minħabba il hemm nuqqas ta’ disponibbiltà ta’ persunal.

**Rakkomandazzjoni 9: Il-bestjalità ssir illegali.**

Fit-23 ta’ Novembru 2021 il-Ministru Edward Zammit Lewis ħabbar fil-Parlament li l-bestjalità issa se tkun illegali u kull min jinstab ħati jista’ jeħel sa massimu ta’ tliet snin ħabs u multa ta’ bejn €2,000 u €6.000 (fil-ħin tal-kitba ta’ dan ir-rapport l-abbozz ta’ liġi kien fit-tieni qari tiegħu imma mhi mistennija l-ebda oġġezzjoni).

**Rakkomandazzjoni 10: Id-dritt għall-pulizija li jidħlu fi proprjetà privata biex isalvaw annimal.**

Bħalissa l-pulizija ma jħossux li għandhom id-dritt li jidħlu fi proprjetà privata anke jekk il-ħajja ta’ annimal tkun tinsab f’periklu imminenti. Il-Ministeru għadu qed ifittex parir legali dwar kif l-aħjar jemenda l-liġi biex dan ikun implimentat.

**Rakkomandazzjoni 11: Kampanja ta’ *neutering* iffinanzjata mill-istat għall-klieb u l-qtates.**

Leġiżlazzjoni ġdida biex tirregola t-tnissil ta’ klieb qed tiġi abbozzata mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali abbażi ta’ konsultazzjonijiet mal-Kunsill għall-Ħarsien tal-Annimali u l-uffiċċju tiegħi. Huwa mistenni li l-leġiżlazzjoni l-ġdida tiġi ppreżentata fil-Parlament fil-bidu tal-2022.

**Rakkomandazzjoni 13: *Microchipping* elettroniku obbligatorju għall-qtates li huma *pets*.**

Din ir-rakkomandazzjoni għadha qed tiġi diskussa.

**Rakkomandazzjoni 14: Titjib u żieda fl-għadd ta’ bajjiet li jilqgħu l-klieb.**

Rapport sħiħ dwar is-sitwazzjoni attwali flimkien ma’ suġġerimenti għal aktar bajjiet li jilqgħu l-klieb kien ippubblikat mill-uffiċċju tiegħi f’Awwissu 2021. Ir-rapport sħiħ jista’ jiġi aċċessat hawn.

Ir-rakkomandazzjonijiet li saru għadhom qed jiġu kkunsidrati mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u l-Ħarsien tal-Annimali.

**Rakkomandazzjoni 15: Portal online ċentrali fejn jinbdew l-adozzjonijiet kollha.**

Din ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata fil-prinċipju mill-Ministeru, u l-uffiċċju tiegħi se jkun qed jara l-aħjar mod kif din tista’ tkun implimentata fl-2022.

**INVESTIGAZZJONI DWAR NUMRU TA' KLIEB LI ĠEW EWTANIZZATI ID-DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI**

Fuq talba tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u l-Ħarsien tal-Annimali, fl-20 ta' Awwissu 2021, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali nieda investigazzjoni dwar numru ta' klieb li kienu ewtanizzati mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali bejn Jannar 2021 u Awwissu 2021. Id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq l-allegazzjoni ta' mġieba aggressiva ħafna.

L-investigazzjoni wettqet riċerka fil-fond dwar dak li wasal għall-ewtanasja tal-klieb inkwistjoni, u jekk id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali aġixxiex skont il-liġi u skont Proċedura ta' Operat Standard approvata u stabbilita. Il-bord tal-investigazzjoni investiga wkoll l-opinjoni u t-tħassib tal-pubbliku, ikkonsulta mal-esperti fil-qasam u finalment ipprovda diversi rakkomandazzjonijiet għall-aqwa prassi.

Wara li ġew ikkunsidrati l-evidenza, is-sentimenti u l-pożizzjonijiet professjonali kollha, dan ir-rapport jippreżenta diversi osservazzjonijiet konklussivi kif ukoll 10 rakkomandazzjonijiet għall-kunsiderazzjoni mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u l-Ħarsien tal-Annimali.
Ir-rapport sħiħ jinstab hawn.

L-ISTATUS TAL-10 RKKOMANDAZZJONIJIET LI SARU MILL-BORD TAL-INVSTIGAZZJONI BĦALA PARTI MLL-INVESTIGAZZJONI DWAR NUMRU TA' KLIEB LI ĠEW EWTANIZZATI MID-DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI

(aħmar) Għadhom qed jiġu diskussi

(oranġjo) Fil-proċess ta' implimentazzjoni

(aħdar) Implimentati kompletament jew parzjalment

1. **SOP 2019 Klieb Perikolużi għandu jkun aġġornat biex jinkludi:**
   - Jitqies l-ammont minimu ta' żmien li kelb għadu jqatta' għand l-AWD qabel ma jiġi ewtanizzat għal imġieba aggressiva (rakkomandat mhux anqas minn erba' xhur biex iservi bħala biżżejjed żmien għall-kelb biex jadatta sew fl-ambjent il-ġdid).
   - L-għadd minimu ta' inċidenti aggressivi li kelb jista' jkun involut fihom qabel ma titqies l-ewtanasja minħabba imġieba aggressiva (rakkomandat mhux anqas minn tnejn).
   - Li l-kumitat li jiddeċiedi għandu jikkonsulta ma' konsulent tal-imġieba (*behaviourist*) kwalifikat u esperjenzat qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni biex jiġi ewtanizzat kelb minħabba raġunijiet ta' mġieba aggressiva.
   - Li sakemm il-konsulenti tal-imġieba jsiru liċenzjati, għandu jkun hemm vet ieħor li jiffirma l-każijiet tal-ewtanasja flimkien mal-kumitat eżistenti ta' tlieta.

2. **Spazju miftuħ imdawwar b'reċint għand l-Animal Welfare (l-Għammieri) għandu jkun** ipprovdut għall-klieb biex jiġru b'mod liberu, jeħlu l-enerġija, u dan għandu jservi wkoll għal skopijiet ta' osservazzjoni u taħriġ qabel dawn il-klieb jiġu adottati fi djar. Dan inaqqas il-ħtieġa ta' tant mixjiet għall-klieb, tal-bżonn ta' tant voluntiera, u għalhekk tonqos il-frustrazzjoni u fl-aħħar mill-aħħar jiġu evitati ċerti inċidenti.

3. **L-impjegati li jaħdmu mal-annimali għandhom jintgħażlu b'aktar attenzjoni.** Minbarra li jissodisfaw ċerti kriterji fil-prinċipju, huma għandhom jgħaddu minn test tal-kapaċità u jingħataw introduzzjoni u taħriġ regolari fuq il-post. Il-voluntiera għandhom jiġu valutati

skont l-esperjenza tagħhom u jingħataw ukoll taħriġ fuq il-post qabel ma jitħallew ikollhom kuntatt mal-annimali.

4. **L-AWD m'għandux jiddependi fuq il-voluntiera biex jipprovdu l-ħtiġijiet bażiċi bħall-mixjiet għall-klieb.** Il-voluntiera għandhom iservu biss bħala bonus wara li jkunu sodisfatti r-rekwiżiti bażiċi tal-persunal. L-uffiċjal tal-adozzjoni għandu jkollu għajnuna aktar affidabbli u konsistenti mill-impjegati. Fis-sitwazzjoni attwali, hemm wisq xogħol li qed jaqa' dejjem fuq persuna waħda – sitwazzjoni li mhix vijabbli fit-tul.

5. **Klieb li għandhom storja ta' mġieba aggressiva għandhom jitmexxew minn voluntiera / persunal esperjenzati,** li għandhom jilbsu *visibility vest* li tindika lil min ikun għaddej biex 'jibqgħu 'l bogħod'. Kull fejn ikun possibbli, dawn il-klieb għandhom ikunu akkompanjati minn żewġ persuni u jitlibbsu sarima (*muzzle*).

6. **Konsulent tal-imġieba / *trainer* kwalifikat u esperjenzat għandu jżur il-post fuq bażi regolari,** u mhux biss meta tinqala' l-ħtieġa li jiġu osservati l-klieb u jiġu identifikati xi problemi, qabel ma jinqala' xi inċident. Ir-rati tal-adozzjoni jistgħu jiżdiedu wkoll bl-aġġustament ta' kwistjonijiet żgħar bħall-ġbid jew ġiri 'l quddiem.

7. **Minħabba n-natura urġenti u l-ħtieġa ta' dan, il-Kunsill tal-Veterinarji Kirurgi għandu jagħti prijorità** lir-regolarizzazzjoni tal-konsulenti tal-imġieba u *trainers* taħt il-KAP 437 (4)(1b) tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

8. **Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali għandu jkollu preżenza online biex jikkomunika mal-pubbliku.** Dan hu l-uniku mod biex jitjiebu l-livelli ta' fiduċja permezz ta' trasparenza. Dan għandu jinbeda bis-saħħa ta' website u paġna ta' Facebook aġġornati regolarment. Dawn il-portali għandhom jingħataw attenzjoni kontinwa, jiġu aġġornati b'aħbarijiet, jintużaw biex jiżdiedu l-adozzjonijiet u biex tingħata risposta għall-mistoqsijiet u t-talbiet tal-pubbliku.

9. **Il-ħolqien ta' ċentru ta' riabilitazzjoni li jindirizza speċifikament lill-klieb li għandhom imġieba aggressiva għandha tkun mira fit-tul.** Ċentru fejn il-klieb b'imġiba aggressiva jkunu jistgħu jgħixu fil-kumdità (mhux f'gaġġa żgħira), b'żona ġewwa u barra u fejn persunal kwalifikat jista' jinteraġixxi magħhom, u fejn isiru programmi ta' riabilitazzjoni li jieħdu aktar fit-tul.

10. **It-tnissil ta' klieb in ġenerali għandu jkun ikkontrollat ferm u l-liġi għandha tiġi emendata biex jiġu evitati lakuni u jitnaqqas it-tnissil irresponsabbli.** B'effett immedjat, huwa rrakkomandat li l-Ministru jeżerċita d-dritt tiegħu, skont l-Art. 43(1) tal-KAP 439 li jikkontrolla b'mod strett (jekk mhux iwaqqaf b'mod temporanju) it-tnissil u l-importazzjoni tal-Pitbull u tar-razez bully, tal-anqas sakemm is-sitwazzjoni tmur għall-aħjar, il-*breeders* jibdew jiġu valutati aħjar u liċenzjati, u l-pajjiż ikun f'pożizzjoni aħjar biex jilqa' lil dawn ir-razez.

**INIZJATTIVI U ATTIVIITAJIET OĦRA**

**PUBBLKAZZJONIJIET OĦRA**

Matul l-2020-2021, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali ppubblika u qassam 10,000 ktieb edukattiv lil studenti li jinsabu fir-4 u s-6 sena tal-iskejjel kollha inkluż dawk pubbliċi, tal-Knisja u skejjel privati. Ma' din il-pubblikazzjoni pproduċejna messaġġ b'vidjo li l-għalliema setgħu juru lill-istudenti tagħhom qabel jew wara t-tqassim tal-ktieb mingħajr ħlas.

Ikklikkja fuq l-istampi hawn taħt għal verżjoni diġitali tal-kotba.

**FULJETT BIEB BIEB – IL-ĦAMES LIBERTAJIET**
10,000 fuljett li jispjegaw il-ħames libertajiet tal-annimali tqassmu bieb bieb f'ċerti lokalitajiet.

**WEBSITE AĠĠORNATA**
www.commissioneranimalwelfarre.gov.mt
Inħolqot website għall-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali li tinkludi informazzjoni utli u interessanti. Fuq dan is-sit issa wieħed jista' jsib ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kummissarju, l-aħbarijiet reċenti, FAQs, links importanti u numri ta' kuntatt kif ukoll rapporti annwali.

**PJATTAFORMI ĠODDA TAL-MIDJA SOĊJALI**
L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali issa għandu paġna fuq Facebook, profil fuq Instagram u kanal fuq YouTube. L-intenzjoni hija li nqajjmu aktar kuxjenza u għarfien bl-aktar mod modern possibbli – bl-użu tal-midja soċjali. Minn meta tnedew dawn il-profili, l-uffiċċju tella' aktar minn 300 post li laħqu eluf ta' persuni kuljum b'messaġġi differenti dwar informazzjoni relatata mal-ħarsien tal-annimali.
IKKLIKKJA FUQ IL-LOGOS BIEX IŻŻUR IL-PAĠNI

**KONSULTAZZJONIJIET LEĠIŻLATTIVI**
L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali kkontribwixxa l-parir tiegħu għall-konsultazzjoni leġiżlattiva dwar r-regolarizzazzjoni tal-Faċilitajiet ta' *boarding* u *pet sitting*, leġiżlazzjoni dwar it-tnissil tal-klieb, leġiżlazzjoni dwar il-bestjalità, u diversi emendi oħra għall-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (KAP 439) u l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji (KAP 437).

**KAMPANJA ESTENSIVA TA' EDUKAZZJONI BIL-VIDJO**
Ipproduċejna kampanja bil-vidjo li tikkonsisti f'10 filmati qosra (ta' 30 sekonda) u 6 filmati twal (ta' 2 minuti) li xxandret fuq l-istazzjonijiet nazzjonali tat-televiżjoni kif ukoll fuq il-kanali tal-midja soċjali. Il-filmati ġew maħduma bil-Malti u għandhom sottotitoli bl-Ingliż u bil-Malti. Is-suġġetti jvarjaw minn sjieda reponsabbli ta' klieb, sjieda responsabbli ta' żwiemel u qtates, il-ħidma tad-direttorat għall-ħarsien tal-annimali, x'inhu l-kunċett tal-ħarsien tal-annimali eċċ. Tista' tara l-filmati kollha hawn.

**PR U VIŻIBILITÀ FUQ IL-MIDJA**
L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali deher direttament f'aktar minn 50 artiklu stampati u online. Aktar minn 50 artiklu ieħor ippubblikati semmew kwistjonijiet ta' annimali u ħarsien ta' annimali in ġenerali. Aħna pparteċipajna wkoll f'aktar minn 20 programm tat-televiżjoni u 1- programmi tar-radju.

**SPEZZJONIJIET TAL-ANIMAL WELFARE**
Matul is-sena l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali ssottometta mijiet ta' talbiet għal spezzjonijiet mill-Unità ta' Infurzar tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u kien involut b'mod attiv f'diversi każijiet ta' abbuż u ksur tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

**ASSISTENZA PUBBLIKA U INVOLVILEMENT MILL-PUBBLIKU**

Ipprovdejna wkoll assistenza ta' kuljum lil individwi u kunsilli lokali li kkuntattjaw lill-Uffiċċju għal pariri prattiċi u interventi fil-ġestjoni ta' qtates li jiġru fit-toroq u annimali oħra fil-viċinat tagħhom. L-Uffiċċju investa f'aktar nases għal-qtates li qed jissellfu lil dawk li jitimgħu lill-qtates sabiex jaqbdu lil dawn il-qtates li jiġru fit-toroq, ħalli dawn ikunu jistgħu jinqabdu, jiġu kkastrati u jerġgħu jintreħew fiż-żona tagħhom (TNR – Trap, Neuter, Release).

**RAPPORT DWAR IL-PETTING FARM TA' TA' QALI**

Il-pubbliku ġenerali wissa lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali dwar diversi kwistjonijiet fil-Petting Farm f'Ta' Qali. Uħud mill-kwistjonijiet tressqu direttament lill-Uffiċċju permezz ta' email, waqt li oħrajn saru fuq il-midja soċjali, u qajmu sentiment ta' rabja fost il-pubbliku.

Wara li saru l-ispezzjonijiet meħtieġa, il-każijiet li tressqu għall-attenzjoni tagħna qatt ma rriżultaw bħala każijiet ta' negliġenza jew moħqrija, imma minħabba li l-Petting Farm huwa miftuħ għall-pubbliku, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali ħejja rapport biex isebbaħ l-ambjent ġenerali tal-annimali permezz ta' titjib, kif ukoll biex ikun hemm komunikazzjoni aħjar bejn il-farm u l-pubbliku li jżuru. Ir-rapport sħiħ jista' jinstab hawn.

**MEMORANDA TA' FTEHIM**

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali jinsab fil-proċess li jiffirma MOU ma' Ponte Ferries fejn intlaħaq ftehim ta' ħidma rigward iż-żoni li jilqgħu lill-pets fuq il-bastimenti l-ġodda. L-Uffiċċju ffirma wkoll MOU ma' Kommunità Malta sabiex tingħata għajnuna finanzjarja għat-titjib tax-xelter għall-qtates li jinsab fid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

**SESSJONIJIET FL-ISKEJJEL**

Il-pandemija xekklet il-frekwenza regolari ta' attivitajiet u sessjonijiet li jitħejjew fl-iskejjel *live*, imma xorta waħda saru xi sessjonijiet *live* fi skejjel u skejjel tas-sajf mill-uffiċjali ta' promozzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali. Biex nagħmlu tajjeb għat-telf tal-lezzjonijiet *live*, ikkollaborajna mal-Ministeru tal-Edukazzjoni biex tinħareġ ċirkolari lill-kapijiet tal-iskejjel kollha. Din inkludiet ukoll link għal messaġġ edukattiv ta' 5 minuti mill-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali, u ġie mogħti minn għalliema matul lezzjonijiet online u fiżiċi. L-għalliema setgħu wkoll jużaw lezzjoni rrekordjata li tinsab fil-lezzjonijiet irrekordjati ta' Teleskola fit-taqsima tal-PSCD.

Fil-bidu ta 'Ġunju, uffiċjali tal-edukazzjoni organizzaw kampanja ta' kuxjenza u edukazzjoni fil-Kulleġġ ta' San Injazju, dwar l-importanza li nitteggjaw il-pets tagħna. Matul din l-attività, tqassmu mijiet ta' tags għall-pets personalizzati bl-ismijiet tal-pets u n-numri ta' kuntatt tal-istudenti.

**RAPPORT DWAR BAJJIET LI JILQGĦU L-KLIEB**

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali wettaq eżerċizzju estensiv biex jikseb informazzjoni dwar il-kwistjoni ta' bajjiet li jilqgħu l-klieb f'Malta u Għawdex, mhux biss għax hemm nuqqas qawwi ta' bajjiet minn dawn, imma l-informazzjoni li għandna dwar dawk li jeżistu hija konfliġġenti.

Dan l-eżerċizzju wassal għall-konklużjoni li filwaqt li s-saħħa dejjem għandha tingħata prijorità, mingħajr dubju Malta, u b'mod speċjali Għawdex jinħtieġu aktar bajjiet li jilqgħu l-klieb. Jekk tassew nistennew li n-nies li jgħixu fil-gżejjer Maltin biex jittrattaw lill-klieb tagħhom bħala membri tal-familja, ma jistax jibqa' daqshekk diffiċli li huma jieħdu lill-klieb tagħhom biex jgħumu mal-bqija tal-familja. Ir-rapport sħiħ jinsab hawn.

**INVOLVIMENT LEGALI U TAL-PULIZIJA**
L-Uffiċċju ressaq diversi rapporti tal-pulizija li involvew it-trattament ħażin tal-annimali u attenda diversi sessjonijiet fil-qorti jew biex jipprovdi xhieda jew bħala osservatur biex jassisti lill-prosekuzzjoni. Flimkien mad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u l-Pulizija, bdejna l-ewwel prosekuzzjonijiet li jinvolvu lil klieb b'widnejhom maqtugħa (l-Art. 9 u 10 tal-KAP 439).

**L-EWWEL PREMJU GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI**
**L-EWWEL PREMJU GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI**
Tnieda l-ewwel Premju għall-Ħarsien tal-Annimali biex niċċelebraw l-aktar annimali kuraġġużi u maħbuba fuq il-gżejjer, kif ukoll il-persuni li jieħdu ħsiebhom. Dan il-Premju, organizzat mill-Ministeru għad-Drittijiet tal-Annimali f'kollaborazzjoni mal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali, ġie organizzat ful-Jum Dinji tal-Annimali, l-4 ta' Ottubru 2021.

L-attività, li nisperaw li ssir waħda regolari fil-kalendarju nazzjonali tagħna, għandha l-għan li tqajjem kuxjenza, u tressaq lill-annimali u l-ħarsien tagħhom fuq quddiem fuq l-aġenda nazzjonali filwaqt li niċċelebraw is-suċċess ta' stejjer ta' annimali notevoli.

ARA L-WEBSITE U R-REBBIEĦA HAWN
ARA D-DISKORS TAL-KUMMISSARJU HAWN

**ASSISTENZA LID-DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI**
Sabiex b'xi mod tiġi allevjata l-kwistjoni ta' spazju fiż-żona tal-klieb fl-Għammieri (Animal Welfare), l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali ffinanzjat l-kiri temporanju ta' numru ta' *kennels* privati biex jintlaqgħu klieb salvati, sakemm l-Għammieri jkun hemm aktar spazju disponibbli.

**EŻERĊIZZJI TA' *MYSTERY SHOPPING* GĦALL-KONTROLL TAL-KWALITÀ**
Matul t-tieni nofs tal-2021, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali wettaq eżerċizzju ta' *mystery shopping* fuq s-servizz 1717 tal-AWD – l-aktar is-servizz tat-telefon u l-livelli tal-effiċjenza tiegħu. Sejbiet u rakkomandazzjonijiet intbagħtu lid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali wettaq eżerċizzju ta' *mystery shopping* ieħor biex tiġi evalwata r-rata ta' suċċess tal-adozzjoni tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. L-Uffiċċju talab lista tal-adozzjonijiet kollha tal-klieb u l-qtates li saru mil-Animal Welfare matul l-2021 u ntagħżel persentaġġ każwali mill-adozzjonijiet u dawn ġew ikkuntattjati bħala *follow-up*. Fil-każijiet kollha nstab li l-adozzjoni kienet saret b'suċċess u fil-każijiet kollha minbarra wieħed, fejn l-annimal kien miet, l-annimali kollha kienu għadhom mal-familji adottivi tagħhom.

**KONT TAL-BANK ĊENTRALI**
Fl-2017 infetaħ kont mal-Bank Ċentrali ta' Malta f'isem il-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali li issa fih €17,500 f'donazzjonijiet. Il-pjan hu li dawn il-flus jintużaw b'mod aktar effettiv biex jinħoloq spazju addizzjonali għal aktar klieb li jinġabru mid-Direttorat tal-AW.

**KOOPERAZZJONI**
Bħal f'kollox, il-kooperazzjoni ma' entitajiet oħra fil-qasam hija ħaġa kruċjali. Matul l-2021, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali kellu laqgħat ma' diversi partijiet interessati sabiex jaqsmu ideat, jiddiskutu u jikkonvinċu. Biex insemmu uħud minnhom:

Għaqda Kuċċiera tal-Karozzini Maltin, Malta Society for the Protection and Care of Animlas (MSPCA), r-Rappreżentanti tal-Bdiewa, l-Association for Abandoned Animals (AAA), RMJ Horse Rescue, L-Assoċjazzjoni għall-Veterinarji Kirurgi, l-Għaqda Produtturi tal-Fniek, Vegan Prism, The Exterminator (Arnold Sciberras), L-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali, Robert Spiteri – Konsulent tal-Imġieba tal-Klieb, l-Unità tas-CSR tal-HSBC, MCAST, Time for Change, Il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data, u l-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Saret ukoll laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija u d-deputati tiegħu biex ikomplu jiġu allinjati l-operazzjonijiet meta d-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jkunu jirrikjedu l-intervent tal-pulizija.

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali organizza wkoll laqgħa mal-Ministru Michael Farrugia u Dr Lydia Abela biex jiddiskutu l-possibilità ta' adozzjonijiet ta' pets minn anzjani.

Saru wkoll żewġ laqgħat mad-Direttorat ta' Parks Malta biex jiġi diskuss it-titjib għaż-żoni tal-klieb u l-Petting Farm ta' Ta' Qali.

**IN-NOTA FINALI TAL-KUMMISSARJU**

Ġejt maħtura bħala l-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru 2020. Bis-saħħa ta' ħafna informazzjoni ta' sfond, għarfien espert u esperjenza li ksibt mill-attiviżmu u ħidma f'dan il-qasam, bdejt naħdem b'ħafna motivazzjoni u entużjażmu.

Għamilna ħafna progress u baqa' ħafna xogħol xi jsir, imma mingħajr dubju xejn ma' kien ikun possibbli mingħajr il-profiċjenza, il-kollaborazzjoni u l-motivazzjoni tat-tim inkredibbli tiegħi, kif ukoll il-pariri u l-għarfien li ksibt mingħand il-predeċessuri tiegħi l-eks Kummissarji s-Sur Emmanuel Buhagiar u l-Maġ. Denis Montebello. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-attivisti tal-annimali tant dedikati għal din il-kawża.

Matul i-sena kkonsultajt ma' diversi professjonisti li jħobbu l-annimali, li l-għarfien tagħhom kien indispensabbli. Ħafna offrew il-ħin u l-esperjenza tagħhom mingħajr ħlas, u mill-ġenerożità ta' qalbhom.

Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lill-pubbliku li jħobb l-annimali ,li l-appoġġ tagħhom, l-aktar fi żmien ta' intimidazzjoni, kien indispensabbli biex jinkoraġġini li nibqa' għaddejja.

Alison Bezzina (MA Lond)
Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali